



# Ġublew tal-Fidda mill-wasla fostna tal-Istatwa ta Santa Liena tas-Soċjeta 1984 - 2009



Editorjal : Nhar it-Tnejn 17 t'Awissu, fl-okkażjoni tal-ħruġ talvara Santa Liena minn niċċa, il-banda tagħna se tagħmel marċ brijuż li fih ser infakkru l-25 sena mill-istatwa ta' Santa Liena li tiġi armata quddiem il-każin tagħna. Id-destin ried li propju kien il-Ġimgħa 17 t'Awissu ukoll tal-1984 meta ġiet imżanżna din l-istatwa jiġifieri 25 sena eżatt wara se ssir it-tifkira. Naraw kif nibtet l-idea, x'sar, etc...

***Tagħrif miġbur u miktub minn Lino Meli ( Viċi President)***

Wara li kienu żżanżnu l-pavaljuni ta' Triq il-Wied fl-1979, diversi soċi kienu qed jissuġġerixxu lil xi membri tal-Kumitat sabiex issir statwa li tiġi akkumpanjata fil-marċi speċjalment f'dak talaħħar tridu u wara titqiegħed fuq pedestall quddiem il-każin. Flimkien ma' Ġanni Sammut u Antoine Mizzi ħadna din l-inizzjattiva biex din il-ħolma ssir realta'.

F'Novembru tal-1982 ltqajna in-Nadur Għawdex sabiex inkellmu lill-iskultur bravu u popolari,. Michael Camilleri Cauchi, bl-iskop li jsir ftehim miegħu dwar din l-idea. Ġejna milqugħin ferm tajjeb u wara diskussjoni miegħu wasalna għall-ftehim li tinħadem statwa ta' Santa Liena. Urejnih ix-xewqa tagħna li tkun imżejna b'ilbies imperjali, inkurunata u bis-salib, il-kumplament ħallejnih liberu fl-eżekuzzjoni peress li xtaqniha differenti fil-pożizzjoni minn dik titulari, kapolavur ta' Salvu Psaila. Quddiem Michael, sħabi Ġanni u Antoine Mizzi



Michael Camilleri Cauchi u Lino Meli



Charles Mizzi, Ġanni Sammut u Michael Camilleri Cauchi







u jien qbilna li nidħlu għall-ispejjeż aħna t-tlieta. Michael ma wegħdniex li tkun lesta għal festa tal-1983 minħabba li kellu ħafna xogħol ordnat, biss kien se jibda jaħdem fuqha.

Irrapurtajna dan kollu lill-Kumitat u dan laqa' l-aħbar bil-ferħa. Kien fadal li jibdew jinġabru l-fondi għall-pedestal u xi dekorazzjonijiet. L-ewwel li tlabt għajnuna għall-ġbir tal-finanzi kien lil Michael Dingli li mhux talli aċċetta iżda b'insistenza ried joħroġ parti mill-ispejjeż tal-istatwa. Viċin tagħna qed jisma' d-diskursata kien hemm Charles Borg (ta' Londra) li wkoll ried jagħti sehmu għall-istatwa. Victor Galdes (is-Sombrero) ma baqax lura għaliex ukoll ried joħroġ parti mill-ħlas.

Iż-żmien beda dieħel u f'Marzu tal-1983 tlajna n-Nadur sabiex naraw ix-xogħol. L-istatwa kienet imwaqqfa u stajna nieħdu idea ta' kif kienet se tkun. Hawnhekk Michael, għalkemm kien entużjażmat biex jaħdem fuqha, qalilna li kien għadu lura fix-xogħol. Ma ridniex ngħaġġluh, iżda bejn li l-partitarji kienu ħerqana li jaraw din l-istatwa lesta u bejn li żidna xi xogħol fuqha, bħall-kisja fibreglass u induratura, ħeġġiġnieh sabiex ikompli jaħdem fuqha. Għall-ħabta ta' Lulju l-istatwa kienet kważi lesta, iżda kien għad fadal ħafna xkatlar fuq il-fibreglass li jkun iebes ħafna. Għalhekk kien impossibli li titlesta għall-festa tal-1983.





Matul dan iż-żmien, bqajna norganizzaw ikliet u lotteriji sabiex nifdu l-ispejjes tal-pedestal. Michael Camilleri Cauchi għamlilna l-isketch għall-istess pedestall. Qbadna naħdmu fuqu u kien jgħinna Grabiel Sammut. Tlabna l-għajnuna ta' Ninu Calleja (il-Faħmi) u lil Ġużeppi Gauci (is-Sosi) sabiex jaħdmulna l-gwarniċi għalih. Kienet is-sena 1984 meta x-xogħol fuq l-istatwa kien tlesta. Niftakar lis-sinjorina Catherine Bezzina indaħlet għall-ispejjes tas-salib li nħadem minn Ninu Calleja. L-istess soċju ħadem ukoll il-bradella u l-bsaten. Ninu Sultana, bandist tal-post u membru fil-kumitat daħal għal ħlas kollu tal-induratura tal-libsa, il-mant u s-sandli. Membru ieħor, Michael Spiteri ħallas l-induratura tal-kuruna.

Ġimgħa qabel il-festa, l-istatwa inġiebet min-Nadur Għawdex u mal-wasla tagħha ħdejn il-każin ġiet milqugħha b'entużjażmu mill-partitarji b'musketterija minn fuq il-bejt tal-każin. L-istatwa tpoġġiet għall-wiri fil-billjard (illum il-maħżen) fejn bosta Karkariżi fosthom il-mibki Mons.



Prepostu Dun Naz Sciberras Psaila ġew u kellhom kliem ta' tifħir għal din l-istatwa.



L-istatwa saret bis-salib fl-id il-leminija (bħalma qiegħda l-istatwa titulari) u bl-oħra tagħmel stedina sabiex nifirħu magħha bis-sejba tas-salib imqaddes.

Wasal il-Ġimgħa 17 t'Awissu 1984, l-aħħar tat-tridu, u kien imiss il-banda tagħna Duke of Connaught's Own sabiex tesegwixxi dan il-marċ. Il-marċ kien beda minn Triq Fleur de Lys, ħdejn il-Bus Terminus għal Triq il-Wied. L-iskultur Michael Camilleri Cauchi kien aċċetta li għal din l-okkażżjoni jkun preżenti fil-marċ. Miegħu ġab il-kuruna ndurata. Meta l-banda waslet ħdejn il-każin intrefgħet mill-partitarji u Michael ġie mistieden ipoġġi l-kuruna fuq ras il-Qaddisa Patruna tagħna. Wara t-tberik tal-istatwa mill-kappillan tas-Soċjeta' il-Kan. Ġużepp Micallef, indaqq l-innu lil Santa Liena fost il-ferħ tas-Soċji, partitarji u Karkariżi inġenerali. Il-marċ tkompla għal Triq il-Kbira, il-Pjazza fejn il-briju li kien hemm ma tiddeskrivihx, Triq San Rokku u lura għal Triq il-Wied.

Mal-wasla tal-istatwa ħdejn il-każin, kollox kien lest sabiex tittella' fuq il-pedestal bis-sellum tal-maħżen tal-armar. Mad-daqq tal-Innu lill-qaddisa l-istatwa tpoġġiet fuq il-pedestall fost il-kant u ċ-ċapċip tal-miġemgħa kbira li ħonqot il-Wied.

Għaddew 25 sena. Bosta minn sħabi speċjalment dawk li għenu biex titwettaq din il-ħidma m'għadhomx magħna. Għalhekk ma nistax ma nfakkarx il-memorja ta' Karmenu Camilleri (Ħabxelin) li tant kien iħeġġiġna, Ġanni Sammut, Antoine Mizzi, Grabiel Sammut (ex membru tal-Kumitat), Charlie Borg, benefattur, Ninu Calleja u Ġużeppi Gauci – soċi veterani li taw is-sehem tagħhom sabiex għadna ngawdu din l-opra sal-lum. Dawn l-irġiel taw ħilithom u ħinhom, sabiex mhux biss jogħla l-isem tas-Soċjeta' tagħna, iżda b'impenn qawwi riedu jagħtu ġieħ lill-patruna tagħna Santa Liena u tikber il-festa f'ġieħ il-Patruna tagħna li hija tant għażiża għalina l-Karkariżi.







# L-Ewwel Dimostrazzjonijiet fil-marċi bl-istatwa ta' Santa Liena







